MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2007

Avviz Numru. 154/1998/1

**Paul Vella, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' HAL MANN LIMITED**

**Vs**

**Guido Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur nomine is-somma ta' disa' mija u tmienja u erbghin Liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm948.65), kwantu ghal erba' mija tlieta u disghin Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm493.45) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' materjal tal-bini, rham, madum tar-resina u tqeghid tal-istess lill-konvenut mibjugh, konsenjat , u fornit mis-socjeta' attrici, u kwantu ghal erba' mija hamsa u hamsin Liri Maltin u ghoxrin centemzu (Lm455.20), rappresentanti l-bilanc ta' prezz ta' madum tac-ceramika lill-konvenut mibjugh u konsenjat, kif

ukoll xoghol ta’ tqieghed ta’ l-istess, lill-konvenut provdut mis-socjta’ mittenti. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali tal-5 ta’ Frar 1996 u tal-20 ta’ Marzu 1996, u tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat oltre ghall-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha espona bir-rispett:-

Illi x-xoghol ta’ tqeghid u ta’ damp proofing ma sarx skond il-kuntratt u/jew skond is-sengha w l-arti u ghalhekk, salva l-kontrotalba annessa, l-bilanc mitlub m’ghandux jithallas.

Rat il-kontrotalba maghmula mill-istess konvenut (fol 9 ibid) u li biha wara li espona bir-rispett illi l-konvenut inkariga lill-attur noe jahdimlu xoghol konsistenti fi tqieghid ta’ madum tac-ceramika u tar-resina u xogholijiet konnessi, inkluzi xogholijiet ta’ damp-proofing u fornitura ta’ materjal (inklus il-madum), liema inkarigu gie accettat mill-attur noe;

Illi l-attur noe esegwixxa x-xoghol pero relattivament ghall-madum u d-damp proofing ix-xoghol gie maghmul b’mod difettuz u mhux skond il-kuntratt u/jew skond is-sengha u l-arti;

L-istess attur noe jghid ghalhekk ghaliex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna, m’ghandhiex dina l-Qorti:-

1. tikkundannah li fi zmien qasir u perentorju jirranga x-xoghol difettuz li huwa ghamel ghand il-konvenut in-konnessjoni mal-madum u d-damp proofing taht sorveljanza ta’ perit nominat;
2. fin-nuqqas ghaliex l-attur noe m’ghandux jigi awtorizzat jqabbad lill-haddiehor a spejjez tal-attur noe biex jigu rimedjati id-difetti.

Rat id-digriet Taghha moghti fit-3 ta’ April 2000 (fol 16 ibid) u li bih, bi qbil bejn il-partijiet, kien gie nominat bhala espert tekniku "in materia", Vincent Ciliberti, a spejjes provisorjament, tal-attur nomine.

Rat ir-relazzjoni sottomessa mill-istess espert tekniku (fol 26 et seq ibid) kif ukoll l-atti kollha annessi mal-istess relazzojni (fol 45 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment id-domandi bil-miktub li saru lill-istess espert da parti tal-konvenut u r-risposti relattivi tal-istess espert (fol 55 u fol 61 et seq ibid) kif ukoll in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 76 u fol 82 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti jidher li l-konvenut kien inkariga lill-attur nomine sabiex iforni l-materjal imsemmi fl-avviz, kif ukoll bit-tqeghid tieghu skond kif jidher mill-ftehim anness mal-atti tar-relazzjoni msemmija u li jgib id-data tat-23 ta' April 1994. Dwar il-pagament li kellu jsir mill-konvenut, issir referenza ghall-klawsola numru (11) tal-istess ftehim kif ukoll ghall-“quotation” annessi mal-istess ftehim u li kienet tammonta ghal Lm5047.70.

Illi, meta x-xoghol gie esegwit, il-konvenut kif jidher minn-nota tal-eccezzjonijiet u kontro talba hawn fuq msemmijin, qed jilmenta illi x-xoghol ta' tqeghid u ta' “damp proofing” ma sarx skond l-istess ftehim “… u/jew skond is-sengha u l-arti”.

Illi, dwar dawn il-punti, li huma ta' natura teknika, l-espert tekniku ssottometta illi “… l-opinjoni (tal-espert tekniku) hija li x-xoghol mwettaq mis-socjeta attrici, sar skond l-arti u s-sengha salv, ghall-nuqqas ta' attenzjoni meta sar is-soll taht il-bieb fit-‘toilet’, dovut ghal negligenza mis-socjeta attrici”. Difatti jidher illi l-uniku difett riskontrat u attribwibbli ghal negligenza fl-eskuzzjoni tax-xoghol in kwistjoni da parti tas-socjeta attrici hu dan li ghadu kemm gie deskritt (ara ukoll fol 40 it-tieni (2) paragrafu).

Illi dwar l-istess difett ghandha issir referenza ghal fol 64 tal-atti in konnessjoni mal-‘mistoqsija numru erbgha (4)”. Hawnhekk l-espert tekniku ssugerixxa li bhala stima sabiex jigi rimedjat l-istess difett, il-valur ta' xoghol

jammonta ghal Lm150 oltre d-dritt ta' perit arkitett, inkarigat mill-istess Qorti sabiex jissorvelja x-xoghol. Dwar dan, il-Qorti "arbitrio boni viri" tara li l-ammont kollu ghandu jkun ta' Lm200.

Ikkunsidrat

Illi mill-lat legali, f'kazijiet bhal dawn il-Qorti ghandha a disposizzjoni zewg rimedji alternattivi.

Illi f'kaz illi jirrizulta ili d-difetti fix-xoghol huma ta' natura gravi u sostanzjali, meta stmati mal-valur totali tax-xoghol, l-istess Qorti ghandha tiddikjara l-azzjoni bhala intempestiva u b'hekk tichad it-talba relattiva sakemm id-difetti risultanti jigu rimedjati mill-konvenut.

Illi pero, f'kaz li valur tal-istess difetti jkun wiehed minimu u insinifikanti il-Qorti tista' tordna tnaqqis fl-ammont li allegatament ghadu dovut fil-kaz in desamina.

Illi f'dan il-kaz jidher evidenti illi l-Qorti ghandha tesercita t-tieni alternattiva trattasi ta' difett li meta paragunat mal-valur tax-xoghol kollu u materjal fornut hu wiehed zghir u insinifikanti.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk il-Qorti, f'dan il-kaz, ser tnaqqas l-ammont mitlub fl-avviz bis-somma ta' Lm200 ghar-ragjunijiet hawn fuq premessi u dan in konnessjoni mat-talba u mal-kontrotalba in esami. Hawnhekk jkun opportun li jissemma illi ma giet sottomessa l-ebda eccezzjoni in konnessjoni mal-istess kontrotalba, li pero, ma' jidhirx li giet notifikata lill-attur nomine.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, b'referenza ghall-avviz u kontro talba in esami, qed tilqa' 'in parte' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur nomine s-somma totali ta' Lm748.65 bl-imghax legali mill-5 ta' Frar 1996 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes inklusi dawk tal-kontro talba imsemmija, tal-ittri ufficjali tal-5 ta' Frar 1996 u tal-20 ta' Marzu 1996, kif ukoll tal-

mandat ta' sekwestru kawtelatorju tat-30 ta' Jannar 1998, il-Qorti tordna li dawn jithallsu kwantu ghal kwart (1/4) mill-attur nomine u kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------